MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Numru. 1377/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Giuseppe Agius ta' 76 sena, bin Emmanuel u Giuseppa nee` Pace imwieled f'21.08.1934 u li joqghod, 24 God Bless, Triq Romeo Romano, St. Venera detentur tal-karta tal-identita` 614334M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli: nhar it-8 ta' Awissu 2010 ghall-habta ta' 12.45pm gewwa Triq il-Belt Valletta, Qormi volontarjament hassar u ghamel hsara lill-vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru ta' registrazzjoni GBI-337 u dan ghad detriment ta' Rose Mary Agius u Emmanuel Agius seve Leli Agius, liema hsara tammonta ghall-izjed minn 1,164.69 euro.

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ttanta jaghmel ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rose Mary Agius b'dan d-delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rose Mary Agius  skond kif iccertifika Dr. Kenneth Vassallo MD tal-Floriana Health Centre, b'dan ukoll li huwa aggravate billi r-reat sar fuq persuna imsemmija fl-artikolu 202(h)(vii), 221, 222 tal-Kap 9.

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAA-839 b'maniera traskurata.

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAA-839 b'maniera perikoluza.

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisr il-buon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat u glied.

U tallli matul dawn l-ahhar xhur uza vjolenza fuq Emanuel sive Leli Agius sabiex igeghlu jaghmel jew ihalli jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga.

F'kaz ta' htija l-prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan  ghal perjodu taz-zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

U talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja tal-14 ta' Dicembru, 2011;;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat u fid-dawl tal-provi mismugha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat u l-fatt li din kienet kwistjoni familjari li l-Qorti tittama li tirrisolvi ruhha u li l-partijiet jgharfu jghixu fil-paci bejniethom.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(a), 42, 214, 215, 216(1)(d), 202(h)(vii), 221, 222, 338(dd), 251B(1) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba’ (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jaghmel reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna qed tordna s-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-hati ghal zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed torbot lil hati ta’ garanzija personali ta’ elf euro (€1,000) li jzomm il-paci u l-buon ordni ma Rose Mary Agius u Emmanuel sive Leli Agius ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------